MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2011

Rikors Numru. 230/2011

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tieghu r-rikorrenti pprezentat u talbet hekk:

Illi l-esponenti A B u l-intimat C D izzewgu fid- 19 ta’ Mejju 2001, u z-zwieg taghhom gie registrat bl-Att taz-Zwieg numru 584/2001;

Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal;

Illi l-istess partijiet isseparaw b’kuntratt tal- 25 ta’ Lulju 2006 fl-atti tan-nutar Ritienne Bugeja Fenech. B’dan il-kuntratt il-partijiet irrinunzjaw definittivament u reciprokament ghad-dritt ta’ manteniment u mid-dritt

successorji fil-konfront ta' xulxin. Inoltre huma xoljew u llikwidaw il-kommunjoni ta' l-akkwisti ga ezistenti bejniethom. Bl-istess kuntratt ta' separazzjoni l-esponenti ghazlet li tirriverti ghal kunjom xbubitha.

Illi l-partijiet ilhom jghixu separati sa minn qabel id-data tas-separazzjoni taghhom u ma hemm ebda prospett ghal rikonciljazzjoni beniethom.

Illi ghalhekk jezistu l-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghad-divorzju bejn il-partijiet ai terminu tal-artikolu 66B tal-Kodici Civili.

Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett lil din il-Qorti joghgobha tawtorizzha sabiex tipprocedi skond il-ligi ghall taz-zwieg bejn il-kontendenti registrat bl-Att taz-Zwieg numru 584/2001 kif fuq inghad. Kopja ta' dan ir-rikors qed tigi notifikata lir-Registratur tal-Qrati skond ir-regolament 4 tal-Avviz legali 397/2003 kif emendat (S.L. 12.20 tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat ir-risposta tal-intimat li ppremmetta: illi huwa minnu illi l-partijiet isseparaw bonarjament b'kuntratt ta' separazzjoni personali fil-25 ta' Lulju, 2006; illi huwa wkoll minnu illi l-partijiet irrununzjaw definittivament u reciprokament ghad-dritt ta' manteniment u mid-drittijiet successorji fil-konfront ta' xulxin; illi huwa minnu wkoll minnu illi ma hemm ebda prospett ghal rikonciljazzjoni bejniethom; illi huwa wkoll minnu illi jezistu l-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghad-divorzju bejn il-partijiet ai termini ta' l-artikolu 66B tal-Kodici Civili; illi huwa ma joggezzjonax ghat-talba kif dedotta, minghajr pero' ma ghandu jbati l-ispejjez.

Rat l-att tal-kawza;

Semghet il-partijiet bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi dak premess u mitlub jinsab sodisfacentement provat, u ghalhekk it-talbiet attrici jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi, tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti; u tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet; u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-decizjoni tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------